# Ħal Luqa fi Żmien il-Franċiżi

Il-poplu Malti beda jbati ħafna meta saret ir-Rivoluzzjoni Franċiża fl-1789 minħabba li l-ordni ta' San Ġwann beda jħoss in-nuqqas ta' flus minħabba li naqsu r-renti minn Franza u pajjiżi oħra. L-effetti kienu nuqqas ta' xogħol u ġuħ. Ħal Luqa wkoll beda jħoss din it-tbatija, tant li r-rata ta' mwiet ta' trabi saret waħda allarmanti, li f'dan iż-żmien kienet għola minn 50 fil-mija. F'dan iż-żmien ukoll l-isqof Labini, waqt żjara f'Ħal Luqa minħabba hekk ordna li l-flus li jinġabru għall-quddies ta' l-erwieħ ma jmorrux kollha għal dan l-iskop imma nofshom kellhom jitqassmu lill-foqra tar-raħal.

Tant kien hemm familji li batew li kien hemm minnhom li għamlu rikorsi fil-qorti biex ibiegħu d-dota u oħrajn kellhom ibigħu l-għalqa jew xi mezzanin u naturalment oħrajn li ma kellhomx, li kienu fqar, kienu jaqgħu fuq il-ħniena ta' ħaddieħor. F'dan il-waqt l-ordni fl-aħħar żminijiet tagħha għamlet kontroll strett fuq il-qamħ biex b'hekk il-prezz tal-ħobż jinżamm baxx. F'Ħal Luqa jingħad li kien hemm żewġ ħwienet biss minn fejn wieħed seta jixtri. Din is-sitwazzjoni marret ferm għall-agħar meta l-Franċiżi ħatfu l-gżejjer tagħna nhar id-9 ta' Ġunju 1798 bl-iskuża li l-Granmastru Hompesch ma riedx li l-fotta Franċiza tidħol fil-port. Sitt ijiem wara, l-isqof Labini flimkien mal-Kappillani fosthom Dun tumas Scicluna ħadu l-ġurament ta' fedeltà lejn Franza, wara li l-Isqof ġie mogħti garanzija li r-reliġjon Nisranija kellha tiġi mħarsa. Tant li l-isqof ħareġ pastorali biex jikkalma l-poplu u jitneħħa l-biża' li nħolqot fost il-poplu bil-qagħda tal-Franċiżi f'Malta. F'Ġunju meta kienu ilhom biss ħmistax-il ġurnata l-kappillan imsemmi ta' Ħal Luqa kellu bħal Kappillani oħrajn jibgħat lista tan-nies irġiel u nisa li jgħixu fil-parroċċa tiegħu bl-informazzjoni kollha età, x-xogħol, jew professjoni etc.

Meta Malta ġiet maqsuma f'Muniċipji dik ta' Ħal Luqa kienet ma' Ħal Qormi. (La Municipali des Casaux Fornaro (Curmi) et Luca). Din kienet bi president minn Ħal Qormi, segretarju Ġużeppi Casha li kellu dar villeġġjatura f'dan ir-raħal u membru rappreżentant ta' Ħal Luqa Orazju Ellul.

Minħabba li l-kummerċ kien waqaf għal kollox, kompla kiber l-għaks u l-ġuħ, tant li anke l-istess Franċiżi bdew iħossuh. F'Settembru 1798 dawn waslu biex serqu t-tapizzerija u ħwejjeġ oħra prezzjużi ta' deheb u djamanti li ġew maqlugħa anke minn mal-kwadru titulari kif għadu jixhed sa llum u ppruvaw ibigħuhom. Dan l-aġir wassal għall-irvell tal-Maltin, u l-irħula ġew kollha organizzati taħt Gvern proviżorju. F'Ħal Luqa nsibu lil Dun Ġuzepp Grima, Kap tal-battalja, Dun Salv Ellul, Ġużeppi Casha u Ġużeppi Scicluna li dan ta' l-aħħar kien ilu fid-Dejma ħamsa u tletin sena. Tħaffer foss fit-telgħa ta' Ħal Luqa u ġiet armata batterija bi tliet kanuni u anke ġiet spezzjonata minn Emm. Vitale, il-mexxej tal-Maltin.

Ġie deċiż mill-Assemblea Nazzjonali li tintalab l-għajnuna mingħand ir-Re taż-żewġ Sqallijiet, ir-Re Ferdinandu u għal dan, ġie magħżul iben tabib Ħal Luqi, Luigi Briffa. Dan mar Napli u ġie lura wara tnax-il ġurnata u reġa' ġie mibgħut biex ifittex li jiltaqa' mal-flotta Ingliża u jitlob l-għajnuna. Qrib Sqallija rnexxielu jiltaqa' ma'

Nelson fejn dan wegħdu l-għajnuna kollha. Dan Briffa meta ġie lura minn din il-missjoni kellu taħt it-tmexxija tiegħu l-port ta' San Pawl il-Baħar. Meta miet Luigi Briffa ta' 70 sena fl-1828 ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa.

Meta ġie ordnat attakk f'Novembru mill-Franċiżi fuq il-Maltin, il-Franċiżi baqgħu sejrin jattakkaw lill-Maltin sa Raħal Ġdid fejn f'dawn l-inħawi waslu s-suldati mill-battaljun ta' Ħal Luqa u l-Franċizi ġew imħarbta u qatt aktar ma ppruvaw joħorġu mill-ibliet. Fi Frar, il-Kaptan Ball ordna li kull raħal jagħżel deputat biex imexxi r-raħal tiegħu u għal Ħal Luqa ġie magħżul l-Avukat Ġużeppi Casha. Meta fl-1799, f'Diċembru, waslu żewġ reġimenti Ingliżi f'San Pawl il-Baħar dawn sabu posthom fil-Gudja fil-Palazz ta' Bettina u oħrajn waqqfu kwartieri f'Ħal Luqa. F'dan iż-żmien il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa żdiedet sew minħabba li xi familji mill-ibliet ħallew djarhom u telgħu joqogħdu Ħal Luqa. Fost dawn ir-refuġjati kemm damu joqogħdu f'Ħal Luqa, meta wieħed jara l-*"librum defunctorum"* isib li mietu 29 ruħ mill-Belt, tmienja minn Bormla, erbgħa mill-Birgu, erbgħa mill-Isla u tnejn mill-Furjana.

Tul is-sentf,n 1798-1800 minn popolazzjoni ta' xi elf ruħ, Ħal Luqa mietu 265 u 47 refuġjat bil-mard u minħabba l-għaks li kien qed jaħkem il-pajjiż. Kienet rata għolja meta l-medja kienet ta' 20 ruħ. Fil-5 ta' Settembru 1800 il-Franċiżi ċedew u fit-8 ta' Settembru il-Maltin iċċelebraw bis-sħiħ.

**Joe Balzan**

Referenza: *Ħal Luqa - Niesha u Ġrajjietha*
(Dun Ġużepp Micallef)

